



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Lulju 2023
(OR. en)

12111/23
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0233(NLE)

COEST 465
POLCOM 171

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 396 final - ANNEX 1
Suġġett:	ANNEX tal- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-kummerċ u fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbiliti mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-valutazzjoni pożittiva tal-implimentazzjoni tal-fażijiet 1 u 2 tal-Anness XXI-A tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-aċċess għas-suq marbut miegħu

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 396 final - ANNEX 1.

Mehmuż: COM(2023) 396 final - ANNEX 1



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.7.2023
COM(2023) 396 final

ANNEX 1

ANNEX

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-kummerċ u fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbiliti mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-valutazzjoni pożittiva tal-implimentazzjoni tal-fażijiet 1 u 2 tal-Anness XXI-A tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-aċċess għas-suq marbut miegħu

ANNESS [...]

**ABBOZZ TA'
DEĊIŻJONI Nru _____
TAL-KUMITAT TA' ASSOĊJAZZJONI FIL-KONFIGURAZZJONI TAL-
KUMMERĊ**

ta' [data]

dwar il-valutazzjoni pożittiva tal-implimentazzjoni tal-fażi 1 tal-Anness XXI-A (Skeda ta' Żmien Indikattiva għar-Riforma Istituzzjonali, Approssimazzjoni Leġislattiva u Aċċess għas-Suq) tal-Kapitolu 8 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra

IL-KUMITAT TA' ASSOĊJAZZJONI FIL-KONFIGURAZZJONI TAL-KUMMERĊ,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra u b'mod partikolari l-Artikolu 153 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra (il-“Ftehim”) ġie ffirmat fis-27 ta' Ġunju 2014 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2017.
- (2) Il-Preambolu għall-Ftehim jirrikonoxxi l-impenn tal-Ukrajna li gradwalment tapprossima l-leġislazzjoni tagħha ma' dik tal-Unjoni, skont il-linji stabbiliti fil-Ftehim, u timplimentaha b'mod effettiv, biex b'hekk tikkontribwixxi għall-integrazzjoni ekonomika gradwali u l-appfondiment tal-assoċjazzjoni politika tal-Ukrajna mal-Unjoni.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 154 tal-Ftehim, il-Partijiet jaqblu li l-ftuħ effettiv u reċiproku tas-swieq rispettivi tagħhom fil-qasam tal-akkwist pubbliku għandu jintlaħaq gradwalment u simultanjament.
- (4) Skont l-Artikolu 153(1) u (2) tal-Ftehim, l-Ukrajna għandha tiżgura li l-leġislazzjoni eżistenti u futura tagħha dwar l-akkwist pubbliku gradwalment issir kompatibbli mal-*acquis* tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku. Tali approssimazzjoni leġislattiva għandha titwettag f'fażijiet konsekuttivi kif stabbilit fl-iskeda fl-Anness XXI-A (Skeda ta' Żmien Indikattiva għar-Riforma Istituzzjonali, Approssimazzjoni Leġislattiva u Aċċess għas-Suq) tal-Kapitolu 8 tal-Ftehim.
- (5) F'konformità mal-Artikolu 153(2) tal-Ftehim, l-implimentazzjoni ta' kull fażi stabbilita fl-Anness XXI-A (Skeda ta' Żmien Indikattiva għar-Riforma Istituzzjonali, Approssimazzjoni Leġislattiva u Aċċess għas-Suq) tal-Kapitolu 8 għandha tiġi evalwata mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-kummerċ. Din l-evalwazzjoni tista' twassal għal valutazzjoni pożittiva tal-implimentazzjoni ta' fażi permezz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat.
- (6) L-Anness XXI-A (Skeda ta' Żmien Indikattiva għar-Riforma Istituzzjonali, Approssimazzjoni Leġislattiva u Aċċess għas-Suq) tal-Kapitolu 8 tal-Ftehim jistipula r-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati mill-Ukrajna għall-implimentazzjoni tal-fażi 1.

- (7) Wara l-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, fuq il-bażi tal-liġi marzjali fis-seħħ fl-Ukrajna u għat-tul ta' żmien tagħha, l-Ukrajna introduċiet eċċezzjonijiet temporanji mil-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist pubbliku, permezz ta' Riżoluzzjonijiet. Il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Fażi 1 hija bbażata fuq l-impenn tal-Ukrajna li tirtira l-eċċezzjonijiet temporanji mil-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist pubbliku fi żmien 90 jum mid-data tat-terminazzjoni jew tal-kanċellazzjoni tar-reġim legali tal-liġi marzjali fl-Ukrajna.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Tingħata valutazzjoni pożittiva rigward l-implimentazzjoni mill-Ukrajna tal-fażi 1 kif stabbilita fl-Anness XXI-A (Skeda ta' Żmien Indikattiva għar-Riforma Istituzzjonali, Approssimazzjoni Leġiżlattiva u Aċċess għas-Suq) tal-Kapitolu 8 tal-Ftehim, abbażi tar-raġunijiet ipprovduti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni ġiet stabbilita bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Françiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Irlandiża, Kroata, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Ungeriża, Żvediża u Ukrena, b'kull test ugwalment awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...

Għall-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ

Il-Presidenza

Is-segretarji

F'konformità mal-Anness XXI-A (Skeda ta' Żmien Indikattiva għar-Riforma Istituzzjonali, Approssimazzjoni Leġislattiva u Aċċess għas-Suq) tal-Kapitolu 8 tal-Ftehim għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin għall-implimentazzjoni tal-fażi 1:

- (1) L-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet li ġejjin tal-Ftehim:
 - (a) l-Artikolu 150(2);
 - (b) l-Artikolu 151; kif ukoll
- (2) Qbil dwar l-Istrateġija tar-Riforma stabbilita fl-Artikolu 152 tal-Ftehim.

Rekwiżit (1)(a):

Fir-rigward tal-ewwel parti tal-ewwel rekwiżit, l-Artikolu 150(2) tal-Ftehim jipprevedi li: “Fil-qafas tar-riforma istituzzjonali, l-Ukrajna għandha tinnomina b’mod partikolari:

- (a) korp eżekuttiv ċentrali responsabbli għall-politika ekonomika li jkollu l-kompitu li jiggarrantixxi politika koerenti fl-oqsma kollha relatati mal-akkwist pubbliku. Tali korp għandu jiffaċilita u jikkoordina l-implimentazzjoni ta’ dan il-Kapitolu u jagħti gwida għall-proċess ta’ approssimazzjoni leġislattiva
- (b) korp imparzjali u indipendenti li jkollu l-kompitu li jirrevedi d-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-awtoritajiet jew l-entitajiet kontraenti matul l-ġhota ta’ kuntratti. F’dan il-kuntest, “indipendenti” tfisser li dak il-korp għandu jkun awtorità pubblika li hija separata mill-entitajiet kontraenti u l-operaturi ekonomiċi kollha. Għandu jkun hemm il-possibbiltà li d-deċiżjonijiet li ttieħdu minn dan il-korp ikunu soġġetti għal sħarriġ ġudizzjarju.”

Ir-rekwiżit skont l-Artikolu 150(2)(a) tal-Ftehim huwa ssodisfat mil-Liġi tal-Ukrajna Nru 114-IX “Dwar l-Emendi għal-Liġi tal-Ukrajna “Dwar l-akkwist pubbliku” u ċerti atti leġislattivi oħra tal-Ukrajna dwar it-titjib tal-akkwist pubbliku” (“Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku”) adottata mill-Parlament tal-Ukrajna fid-19 ta’ Settembru 2019 u li timmodifika l-Liġi tal-Ukrajna Nru 922-VIII fil-25 ta’ Diċembru 2015 “Dwar l-Akkwist Pubbliku”.

Il-korp eżekuttiv ċentrali li jkollu l-kompitu li jiggarrantixxi politika koerenti u l-implimentazzjoni tagħha fl-oqsma kollha relatati mal-akkwist pubbliku huwa l-“Korp Awtorizzat”.

L-Artikolu 7 tal-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku jiddefinixxi l-Korp Awtorizzat li għandu jkun responsabbli għar-regolamentazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika tal-istat dwar l-akkwist pubbliku fil-kamp ta’ applikazzjoni tas-setgħat tiegħu stabbiliti mil-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku.

L-Artikolu 9 tal-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku jistabbilixxi l-funzjonijiet ewlenin tal-Korp Awtorizzat li huma dawn li ġejjin:

- (1) l-iżvilupp u l-approvazzjoni tar-regolamenti meħtieġa għall-implimentazzjoni ta’ din il-Liġi u għar-regolamentazzjoni tal-politika tal-istat fil-qasam tal-akkwist pubbliku;
- (2) l-analiżi tal-funzjonament tas-sistema tal-akkwist pubbliku;
- (3) it-tnejn u l-preżentazzjoni, sa mhux aktar tard mill-1 ta’ April tas-sena ta’ wara s-sena baġitarja rrapportata, lill-Verkhovna Rada tal-Ukrajna, lill-Kabinett tal-Ministri tal-Ukrajna u lill-Kamra tal-Kontabbiltà, tar-rapport annwali li fih l-analiżi tal-funzjonament tas-sistema tal-akkwist pubbliku

(rigward l-indikaturi kwantitattivi u tal-valur f'termini ta' proċeduri ta' akkwist u ta' oġġetti, il-livell ta' kompetizzjoni, l-għadd ta' lmenti) u l-informazzjoni ġeneralizzata dwar ir-riżultati tal-kontroll fil-qasam tal-akkwist pubbliku. Ir-rapport annwali jiġi ppubblikat fil-paġna web uffiċjali tal-Korp Awtorizzat;

- (4) is-sinteżi tal-prattiki tal-akkwist, inklużi l-prattiki internazzjonali;
- (5) l-istudju, is-sinteżi u t-tixrid tal-aħjar Prattiki tal-akkwist internazzjonali;
- (6) l-iżgurar tal-operazzjoni tal-Portal Web tal-Korp Awtorizzat u r-Riżorsa tal-Informazzjoni tal-Korp Awtorizzat;
- (7) il-ġestjoni tal-kontenut tar-Riżorsi tal-Informazzjoni tal-Korp Awtorizzat;
- (8) il-komunikazzjoni mal-pubbliku fir-rigward tat-titjib tas-sistema tal-akkwist pubbliku;
- (9) l-organizzazzjoni ta' laqgħat u workshops iddedikati għal kwistjonijiet ta' akkwist;
- (10) il-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tal-akkwist;
- (11) l-iżvilupp u l-approvazzjoni tad-dokumenti li ġejjin:
 - dokumenti mudell tal-offerta;
 - regolamenti mudell dwar persuna awtorizzata;
 - regolamenti mudell dwar il-kumitat dwar l-akkwist
 - metodoloġija mudell għad-determinazzjoni tal-valur stmat ta' oġġett tal-akkwist;
 - metodoloġija mudell għad-determinazzjoni tal-kost taċ-ċiklu tal-ħajja;
 - proċedura ta' identifikazzjoni tal-oġġett tal-akkwist;
 - proċedura għall-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar l-akkwist pubbliku;
 - proċedura għall-konklużjoni u l-implimentazzjoni ta' ftehimiet qafas;
 - forma u rekwiżiti dwar l-offerta/il-garanzija tal-offerta;
 - proċedura għall-organizzazzjoni tal-ittestjar ta' persuni awtorizzati;
 - lista ta' żbalji formali;
- (12) għoti ta' rakkomandazzjonijiet ġenerali dwar l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist pubbliku;
- (13) għoti ta' pariri mingħajr ħlas ta' natura rakkomandatorja permezz tar-Riżorsi tal-Informazzjoni tal-Korp Awtorizzat;
- (14) kooperazzjoni ma' entitajiet pubbliċi u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fir-rigward tal-prevenzjoni ta' Prattiki korrotti fil-qasam tal-akkwist;
- (15) komunikazzjoni tal-politika u r-regoli dwar l-akkwist pubbliku lill-pubbliku;
- (16) awtorizzazzjoni u kanċellazzjoni tal-awtorizzazzjoni tal-pjattaformi elettroniċi;
- (17) kunsiderazzjoni ta' talbiet għall-ħatra u/jew l-istabbiliment ta' organizzazzjonijiet ċentralizzati tal-akkwist;

- (18) żvilupp flimkien ma' awtoritajiet oħra ta' linji gwida dwar il-pekuljaritajiet tal-akkwist f'diversi setturi u pubblikazzjoni ta' dawn il-linji gwida fir-Riżorsa tal-Infommazzjoni tal-Korp Awtorizzat.

Ir-rwol tal-Korp Awtorizzat jitwettaq mill-Ministeru għall-Ekonomija tal-Ukrajna b'mod partikolari mid-Dipartiment għall-Politika tal-Akkwist Pubbliku u tal-Kompetizzjoni. L-istruttura, ir-responsabbiltajiet u l-kompiti dettaljati tad-Dipartiment għall-Politika tal-Akkwist Pubbliku u tal-Kompetizzjoni huma stabbiliti fir-Regolamenti dwar id-Dipartiment għall-Politika tal-Akkwist Pubbliku u tal-Kompetizzjoni.

Fir-rigward tar-reqwiżit skont l-Artikolu 150(2)(b) tal-Ftehim, f'konformità mal-emenda tal-liġi speċjali "Dwar il-Kumitat tal-Ukrajna Kontra l-Monopolju" ("AMCU" u "liġi AMCU") Nru 1219- IX tal-5 ta' Frar 2021, l-AMCU, bħala l-Awtorità għar-Reviżjoni tal-Ilmenti, għandu jistabbilixxi Kummissjoni (Kummissjonijiet) ("Kummissjoni") għar-Reviżjoni tal-Ilmenti dwar Ksur tal-Leġislazzjoni dwar l-Akkwist Pubbliku u jeżerċita setgħat oħra stabbiliti fil-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku, fil-liġi tal-Ukrajna Nru 2210-III tal-11 ta' Jannar 2001 "Dwar il-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni Ekonomika" kif riveduta, u fil-liġi AMCU.

L-AMCU huwa korp statali bi status speċjali. L-AMCU huwa awtorità indipendenti kkontrollata mill-President tal-Ukrajna u akkontabbli quddiem il-Verkhovna Rada tal-Ukrajna. Din l-indipendenza hija żgurata fil-livell leġislativ mid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Liġi tal-Ukrajna "Dwar l-Akkwist Pubbliku" u tal-Liġi AMCU.

Jenħtieġ li kull Kummissjoni tikkonsisti minn tliet persuni awtorizzati li jirrevedu l-ilmenti dwar ksur tal-leġislazzjoni dwar l-akkwist pubbliku.

Fl-1 ta' April 2021, l-AMCU adotta r-Regolament "Dwar l-approvazzjoni tal-Proċedura tal-għażla u l-ħatra kompetittivi għal pożizzjonijiet tal-Kummissarju għar-reviżjoni tal-ilmenti dwar ksur tal-leġislazzjoni dwar l-akkwist pubbliku" Nru 9-pn u wara dan il-kummissarji għall-ilmenti dwar ksur tal-leġislazzjoni dwar l-akkwist pubbliku ("Kummissarju") għandhom jinħatru mill-President tal-AMCU. Skont il-Liġi AMCU, il-Kummissarju jinħatar b'mandat ta' seba' snin iżda għal mhux aktar minn żewġ termini konsekuttivi. Il-Kummissarji huma soġġetti għar-reqwiżiti u r-restrizzjonijiet stabbiliti mil-leġislazzjoni fil-qasam tal-prevenzjoni tal-korruzzjoni, u ma tapplikax il-Liġi tal-Ukrajna Nru 889-VIII tal-10 ta' Diċembru 2015 "Dwar is-Servizz Ċivili" kif riveduta. Il-kummissarji mhumieq membri tal-Gvern, ta' korp leġislativ jew tal-President tal-Ukrajna, u mhumieq subordinati għalihom. Skont l-Artikolu 6-1 tal-Liġi AMCU, il-Kummissarju, li huwa persuna relatata mas-suġġett tal-appell jew tal-awtorità kontraenti, ma jistax jipparteċipa fil-kunsiderazzjoni u fit-teħid tad-deċizzjonijiet dwar tali lment u għall-perjodu ta' kunsiderazzjoni u ta' teħid tad-deċizzjonijiet dwar tali lment għandu jiġi sostitwit minn Kummissarju ieħor, li jiġi ddeterminat mill-President tal-AMCU, jew tali lment jista' jiġi ttrasferit għall-kunsiderazzjoni lil Kummissjoni oħra.

Il-kummissarji jinħatru mill-President tal-AMCU wara li jkunu għaddew minn spezzjoni speċjali prevista mil-Liġi tal-Ukrajna Nru 1700-VII tal-14 ta' Ottubru 2014 "Dwar il-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni" kif riveduta.

Id-deċizzjonijiet tal-Kummissjoni għandhom jiġu adottati f'isem l-AMCU u huma vinkolanti.

Id-deċizzjonijiet tal-AMCU jistgħu jiġu appellati fi żmien 30 jum mid-data tal-pubblikazzjoni tagħhom fis-sistema tal-akkwist elettroniku.

F'konformità mad-Dispożizzjonijiet Finali u Tranżizzjonali tal-Liġi li temenda l-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku u liġijiet oħra tal-Ukrajna rigward it-titjib tas-sistema tal-appelli dwar il-funzjonament u l-akkwist pubbliku Nru 1530-IX tat-3 ta' Ġunju 2021, jenħtieġ li dispożizzjonijiet ġodda dwar l-eżerċizzju tas-setgħat tal-AMCU fil-qasam tar-reviżjoni tal-

ilmenti dwar ksur tal-leġislazzjoni dwar l-akkwist pubbliku u l-operazzjoni tal-Kummissjoni (Kummissjonijiet) isiru effettivi fil-jum tal-formazzjoni tagħha (tagħhom).

Minħabba l-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna mill-24 ta' Frar 2022, l-AMCU waqaf temporanjament jirrevedi l-ilmenti dwar ksur tal-leġislazzjoni dwar l-akkwist pubbliku. Il-korp tal-appell reġa' ġie stabbilit b'mod sħiħ f'April 2022.

Fit-13 ta' Frar 2023, tħabbret proċedura ta' reklutaġġ għal pożizzjonijiet vakanti tal-Kummissarji bl-Ordni tal-President tal-AMCU Nru 79-BK, li tinsab għaddejja bħalissa, minħabba r-reqwiziti tal-Proċedura tal-għażla u l-ħatra kompetittivi għal pożizzjonijiet tal-Kummissarju dwar ir-reviżjoni tal-ilmenti dwar ksur tal-leġislazzjoni dwar l-akkwist pubbliku.

Rekwiżit (1)(b):

Fir-rigward tat-tieni parti tal-ewwel rekwiżit, skont l-Artikolu 151 tal-Ftehim il-Partijiet għandhom jikkonformaw ma' sett ta' standards bażiċi għall-ġoti tal-kuntratti kollha kif stipulat fil-paragrafi minn 2 sa 15 ta' dak l-Artikolu dwar il-pubblikazzjoni, l-ġoti ta' kuntratti u l-protezzjoni ġudizzjarja. Dawk l-istandards bażiċi jirriżultaw direttament mir-regoli u l-prinċipji tal-akkwist pubbliku, kif regolati fl-*acquis* tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni, inklużi l-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni, it-trattament ugwali, it-trasparenza u l-proporzjonalità.

Skont il-Liġi tal-Ukrajna dwar l-Akkwist Pubbliku, il-proċeduri tal-akkwist pubbliku fl-Ukrajna jitwettqu f'konformità mal-prinċipji li ġejjin:

- (1) il-kompetizzjoni ġusta bejn l-offerenti;
- (2) l-iffrankar massimu tal-ispejjeż, l-effiċjenza u l-proporzjonalità;
- (3) il-ftuħ u t-trasparenza fl-istadji kollha tal-proċess tal-akkwist;
- (4) in-nondiskriminazzjoni tal-offerenti u t-trattament ugwali għalihom;
- (5) l-evalwazzjoni oġġettiva u imparzjali tal-offerti u tal-ġoti;
- (6) il-prevenzjoni ta' prattiki korrotti u l-abbuż.

Il-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku tipprevedi li l-offerenti domestiċi u barranin, irrispettivament mill-forma ta' sjieda u l-istruttura legali tan-negozju tagħhom, għandhom jipparteċipaw fi proċeduri ta' akkwist b'kundizzjonijiet ugwali.

L-emenda tal-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku adottata fis-16 ta' Diċembru 2021, il-Liġi "Dwar l-Emendi għall-Liġi tal-Ukrajna "Dwar l-Akkwist Pubbliku" biex Joħolqu Prekundizzjonijiet għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Modernizzazzjoni tal-Industrija Domestika" Nru 1977-IX, introduċiet rekwiżiti temporanji ta' kontenut domestiku fir-rigward tal-materja prima, il-materjali, l-assemblaġġi, l-unitajiet, il-partijiet, il-partijiet komponenti u l-prodotti komponenti, ix-xogħlijiet, is-servizzi u oħrajn, mill-2022 għal perjodu ta' għaxar snin. Dawn ir-rekwiżiti ma japplikawx għall-akkwisti li jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet tal-Liġi tal-Ukrajna Nru 1029-VIII tas-16 ta' Marzu 2016 "Dwar l-Adeżjoni tal-Ukrajna mal-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku", kif ukoll id-dispożizzjonijiet dwar l-akkwist pubbliku ta' trattati internazzjonali oħra tal-Ukrajna approvati mill-Verkhovna Rada tal-Ukrajna. Għaldaqstant, dawn ir-rekwiżiti ta' kontenut domestiku ma japplikawx għall-offerti proposti mill-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni Ewropea "– kemm jekk stabbiliti kif ukoll jekk mhux stabbiliti fl-Ukrajna –" jew li jkopru prodotti, servizzi jew xogħolijiet li joriġinaw mill-Unjoni Ewropea.

Mill-1 ta' Awwissu 2016, il-biċċa l-kbira tal-proċeduri ta' akkwist fl-Ukrajna jsiru esklussivament permezz tas-sistema tal-akkwist elettroniku Prozorro. L-informazzjoni kollha

dwar l-akkwist pubbliku, inklużi d-dokumenti tal-offerti li jkun fihom rekwiżiti għas-suġġett tal-akkwist u l-offerenti, tiġi ppubblikata fis-sistema tal-akkwist elettroniku.

L-oġġetti tal-akkwist huma definiti mill-Klassifikatur Nazzjonali “Vokabularju Komuni tal-Akkwist” DK 021:2015 (Common Procurement Vocabulary, “CPV”), li huwa adattat għall-Vokabularju Komuni tal-Akkwist tal-UE. Is-CVP huwa maħsub biex jistandardizza d-deskrizzjoni tal-oġġett tal-akkwist pubbliku sabiex jiżgura trasparenza akbar u ambjent kompetittiv effettiv.

Il-limiti ta' żmien għall-espressjonijiet ta' interess u għall-preżentazzjoni ta' offerti huma stabbiliti fil-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku u jvarjaw skont il-proċedura tal-akkwist:

- fil-każ ta' tħabbir ta' proċedura miftuħa ta' offerti – mill-inqas 15-il jum jekk il-valur stmat ma jaqbiżx il-limiti massimi u mill-inqas 30 jum f'każ li jaqbeż il-limiti massimi;
- fil-każ ta' tħabbir ta' proċedura ta' djalogu kompetittiv – mill-inqas 15-il jum jekk il-valur stmat ma jaqbiżx il-limiti massimi u mill-inqas 30 jum f'każ li jaqbeż il-limiti massimi;
- f'każ ta' tħabbir ta' proċedura ristretta tal-offerti - mhux aktar tard minn 30 jum qabel l-iskadenza għall-wasla tad-dokumenti ppreżentati għall-għażla tal-kwalifiki.

Il-limiti massimi msemija hawn fuq huma EUR 133,000 għall-prodotti u s-servizzi u EUR 5,150,000 għax-xogħlijiet. Jekk il-valur stmat tal-akkwist jaqbeż il-limiti massimi t-tħabbira tal-proċedura tal-akkwist trid ukoll issir pubblika fis-sistema tal-akkwist elettroniku bl-Ingliż.

Il-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku tirrikjedi li l-kuntratti tal-akkwist pubbliku jingħataw b'mod trasparenti f'konformità ma' kriterji u regoli mħabbra minn qabel. L-informazzjoni dwar l-offerenti li jintgħażel tintwera fis-sistema tal-akkwist elettroniku. L-offerenti li ma jintgħażlux jistgħu jitolbu lill-awtorità kontraenti permezz tas-sistema tal-akkwist elettroniku tipprovdi informazzjoni dwar l-offerta ppreżentata mill-offerenti li jintgħażel, inkluż dwar il-vantaġġi tagħha meta mqabbla mal-offerta tagħhom u l-awtorità kontraenti hija marbuta li twieġeb għal tali talba fi żmien ħamest ijiem.

Wara l-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, fuq il-bażi tal-liġi marzjali fis-seħħ fl-Ukrajna u għat-tul ta' żmien tagħha, ġew introdotti eċċezzjonijiet temporanji mil-leġislazzjoni dwar l-akkwist pubbliku permezz ta' Riżoluzzjonijiet, inkluż fir-rigward tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku, ir-rekwiżiti stabbiliti għall-offerenti u l-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża. Il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Fażi 1 hija bbażata fuq l-impenn tal-Ukrajna li tirtira l-eċċezzjonijiet temporanji mil-leġislazzjoni dwar l-akkwist pubbliku fi żmien 90 jum mid-data tat-terminazzjoni jew tal-kanċellazzjoni tar-reġim legali tal-liġi marzjali fl-Ukrajna.

Rekwiżit (2):

Fir-rigward tat-tieni rekwiżit tal-Fażi 1, hija meħtieġa l-approvazzjoni ta' pjan direzzjonali kif stabbilit fl-Artikolu 152 tal-Ftehim. L-Artikolu 152(1) tal-Ftehim jipprevedi li, qabel ma tibda l-approssimazzjoni gradwali, l-Ukrajna għandha tippreżenta lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-kummerċ, pjan ta' direzzjoni komprensiv għall-implimentazzjoni tal-Kapitolu 8 tat-Titolu IV tal-Ftehim bi skedi ta' żmien u objettivi intermedji. Dak il-pjan direzzjonali, li skont il-Ftehim għandu jikkonforma mal-fażijiet u mal-iskedi ta' żmien stabbiliti fl-Anness XXI-A (Skeda ta' Żmien Indikattiva għar-Riforma Istituzzjonali, Approssimazzjoni Leġislattiva u Aċċess għas-Suq) tal-Kapitolu 8, għandu jinkludi r-riformi kollha f'termini ta' approssimazzjoni leġislattiva mal-*acquis* tal-Unjoni u tal-bini tal-kapaċitajiet istituzzjonali.

Fl-24 ta' Frar 2016, il-Kabinett tal-Ministri tal-Ukrajna adotta "L-Istrateġija ta' riformazzjoni tas-sistema tal-akkwist pubbliku (Pjan Direzzjonali)" permezz tar-risoluzzjoni Nru 175-p. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-kummerċ ta' opinjoni favorevoli għall-Pjan Direzzjonali għall-implimentazzjoni tal-Kapitolu 8 permezz tad-Deċizzjoni tiegħu 1/2018 tal-14 ta' Mejju 2018.